PDF Compressor Pro



Dehra ġenerali waqt il-Manifestazzjoni Marjana f'Marsalforn

Manifestazzjoni Marjana f'Marsalforn

Id-Djoċesi t'Għawdex, permezz tal-Għaqdiet Kattoliċi, organizzat il-Manifestazzjoni Marjana f'Marsalforn bl-iskop li tingħata qima pubblika lill-Madonna waqt li tintwera l-importanza li wieħed jirsisti favur ambjent moralment nadif.

Il-pubbliku nġabar fi Triq il-Wied fejn wara Rużarju meditat u animat bil-kant, Mons Isqof Mario Grech mexxa quddiesa konċelebrata li fiha ta l-messaġġ tiegħu, bit-tema Soċjetà mingħajr ċertezzi morali titfarrak u tfarrak il-familji.

Mons. Isqof qal li din il-manifestazzjoni kienet qed issir biex isir talb lil Alla bl-interċessjoni ta' Marija biex iżomm idejh fuq il-poplu tiegħu fil-Gżejjer Maltin u fl-istess waqt biex bil-preżenza tal-poplu jintbagħat messaġġ lis-soċjetà u jgħidilha li għandu għal qalbu ambjent li huwa moralment nadif, ambjent nadif f'dak li għandu x'jaqsam malħajja etika u morali tal-Għawdxin u l-Maltin.

Mons. Isqof appella lill-folla preżenti biex tilqa' kontra kull kurrent li jista' jfarrak il-familja u li wieħed irid jkun wkoll proattiv u jibgħat il-messaġġ kollu tama msejsa fuq dak li tgħid ir-raġuni imma wkoll fuq dak li jgħallem Kristu u l-Knisja tiegħu.

Mons. Isqof poġġa lill-familji kollha tal-Gżejjer Maltin taħt il-ħarsien ta' Marija, "…Omm Kristu u Omm tagħna lkoll, Marija, il-mara li afdat fil-Kelma li saret bniedem u li tista' turina d-direzzjoni biex nassiguraw li jkollna ambjent moralment nadif."

Jum is-Saċerdoti

Fl-okkażjoni tat-tifkira ta' San Ġwann M. Vianney, saċerdot, u tad-dikjarazzjoni tal-Papa Benedittu XVI tal-ħatra ta' dan il-qaddis bħala l-Patrun tas-saċerdoti u f'egħluq il-ħames anniversarju millmewt ta' Dun Mikiel Attard, saċerdot kariżmatiku li ġibed lejh lil kull min xi darba kellu kuntatt miegħu, b'mod speċjali sħabu s-saċerdoti, iż-żgħażagħ, il-ġuvintur u r-reliġjużi li kien jgħinhom jikbru fil-ħajja interjuri bid-direzzjoni spiritwali tiegħu, is-saċerdoti tad-Djoċesi Għawdxija flimkien ma' Mons. Isqof Mario Grech u Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex, nhar it-Tlieta 4 ta' Awwissu, filgħaxija, ikkonċelebraw quddiesa flimkien fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, f'Victoria. Il-kelmtejn tal-okkażjoni saru minn Mons. Isqof Cauchi. Wara ltaqgħu lkoll għal platt sħun, fuq il-bejt taċ-Ċentru Pastorali, imħejji għalihom mill-voluntiera taċ-ċentru.



Mons. Isqof Nikol Cauchi waqt id-diskors tiegħu tal-okkażjoni. Ħdejh jidher ukoll Mons. Isqof Mario Grech



Anna Debono, neputija ta' Dun Mikiel Attard, taqra l-lezzjoni tal-quddiesa.



Membri tal-Kor Fraternitas li mexxew il-kant fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb



Josephine Debrincat, membru tal-Grupp Missjunarju Għawdxi, waqt id-diskors tagħha dwar l-umli saċerdot Dun Mikiel Attard, li ta kontribut kbir lill-Knisja f'Għawdex



Uħud mis-saċerdoti preżenti fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb

AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Mons. Alfred Xuereb (xellug) flimkien ma' Mons. Emanuel Curmi, f'Dar Arka f'Għajnsielem

Mons Alfred Xuereb iżur Dar l-Arka

L-Assistent Segretarju privat tal-Papa Benedittu XVI, Mons. Alfred Xuereb, saċerdot mir-Rabat, Għawdex, għamel żjara f'Dar l-Arka, f'Għajnsielem, fejn ġie milqugħ minn Mons. Emanuel Curmi.

Mons. Xuereb ġie mdawwar mal-post u muri l-faċilitajiet li toffri Dar l-Arka lil persuni b'diżabilità u lill-familji tagħhom. Mons. Xuereb kellu kliem ta' tifħir għat-tmexxija u d-dedikazzjoni ta' l-*istaff*. Fl-aħħar taż-żjara tiegħu, huwa ippreżenta lil Mons. Emanuel Curmi s-somma sabiħa ta' €3,060 b'riżq il-bżonnijiet tal-Fondazzjoni, liema flus Mons. Xuereb irċieva fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni tal-25 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.

Mons. Emanuel Curmi f'isem il-kumitat u l-*istaff* irringrazzjah tal-għotja u awguralu kull suċċess fix-xogħol tiegħu fil-Vatikan.




Membri tax-Xagħra Scout Group waqt il-kamp fil-Bajja tar-Ramla l-Ħamra

Kamp annwali

Ir-Ramla l-Ħamra saret id-dar ta' *rovers* u *ventures* mix-Xagħra *Scout Group*. L-iscouts u *cub scouts* marru għal erba' t'ijiem u tliet ijiem rispettivament u l-*beaver scouts* kienu fil-*campsite* għal ġurnata. Attivitajiet relatati ma' *scouting* bħal *knotting* u *tent pitching* flimkien ma' attivitajiet oħra bħal *mud fights*, *scavenger hunts* u għawm kienu organizzati. Sar ukoll il-BBQ annwali fejn ġenituri u qraba żaru l-*campsite* u gawdew lejla f'atmosfera ta' *scouting*. Għalkemm ħafna ma ridux jitilqu, kull bidu fih it-tmiem tiegħu għalhekk ix-XSG kellhom jippakjaw u jtemmu l-kamp tagħhom. Esperjenzi ġodda, ħbiberiji u memorji huma rikordji li jibqgħu ta' dan il-kamp extraordinarju.

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.

Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna